**KULLEĠĠ SAN NIKOLA**

**L-EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA – LIVELL PRIMARJU**

**Frar 2013**

| **IR-RABA' SENA** | **L-ISTUDJI SOĊJALI** | **IL-ĦIN: Siegħa u kwart** |
|---|---|---|

Marka Totali

L-Isem: ____________________ Il-Klassi: __________

**A: Agħżel it-tajba billi taqta' sing taħtha.**

(6 marki)

1. Fil-(festa tar-raħal, Milied, Ġimgħa l-Kbira, Pentecoste) niċċelebraw it-twelid ta' Ġesù.
2. Meta nkunu ħbieb ma' kulħadd inħossuna aktar (bid-dwejjaq, bin-nervi, ferħanin, bil-geddum).
3. Inkun naf x'inhu jiġri madwari billi (naqra storja, nisma' l-aħbarijiet, nċempel lit-tabib, mmur passiġġata).
4. (Fix-xitwa, Fir-rebbiegħa, Fil-ħarifa, Fis-sajf) tibda sena skolastika ġdida.
5. Kull staġun tas-sena hu twil (tliet, erba', ħames, sitt) xhur.
6. Meta aħna nagħtu ċans lill-oħrajn jitkellmu, aħna nkunu qed (nagħmlu dmirna, infittxu d-dritt tagħna, nonqsu mir-rispett, naħlu l-ħin).

**B. Immarka t-tliet (3) sentenzi tajbin bis-sinjal (✓) dwar Dun Mikiel Xerri.** (6 marki)

| | |
|---|---|
| *Eż: Dun Mikiel Xerri hu midfun Ħaż-Żebbuġ.* | ✓ |
| 1. Dun Mikiel Xerri għex qabel Dun Karm Psaila. | |
| 2. Dun Mikiel Xerri twieled il-Belt Valletta. | |
| 3. Qabel ma miet Dun Mikiel Xerri għajjat 'Viva Malta'. | |
| 4. Il-kelma patrijott tfisser patri. | |
| 5. Dun Mikiel Xerri jgħallimna nħobbu lil art twelidna. | |

**Ċ. Il-kliem fil-kaxxa juru rwoli differenti fis-soċjeta'. Daħħal il-kliem fil-vojt biex turi li taf x'ifissru. Ara l-eżempju.**

(10 marki)

| | | |
|---|---|---|
| ~~xufier~~ | pustier | bidwi |
| President | pulizija | kantant |
| kappillan | kennies | tabib |
| sindku | għalliem | |

**Eż: Insuq il-karozzi tal-linja:** ________xufier___

1. Nieħu ħsieb l-indafa fit-toroq: ________________
2. Naħdem fl-għalqa: ________________
3. Jien il-kap tal-Parroċċa: ________________
4. Inqassam l-ittri: ________________
5. Immexxi l-Kunsill Lokali: ________________
6. Inżomm l-ordni pubblika: ________________
7. Nieħu ħsieb is-saħħa tan-nies: ________________
8. Jiena l-Kap tal-Istat: ________________
9. Ngħallem lit-tfal fl-iskola: ________________
10. Inferraħ lit-tfal bil-kant: ________________

**D. Aqra sew is-silta li jmiss, imbagħad wieġeb il-mistoqsijiet.** (10 marki)

Bħala s-Sindku tar-raħal jiena nara li n-nies huma kuntenti u li jinqdew malajr. Nieħu gost nara r-raħal tagħna fi stat tajjeb u nadif. Wara kollox ix-xogħol tal-Kunsill Lokali huwa li jagħmel il-ġid għar-raħal tiegħu. Għalhekk jiġu eletti l-Kunsilliera biex jgħinu lis-Sindku biex jaqdi dawn id-dmirijiet. Fil-fatt il-Kunsilliera tar-raħal tagħna jorganizzaw ukoll xi korsijiet ta' tagħlim għan-nies tal-lokal u xi attivitajiet għall-anzjani.




1. X'inhu xogħol il-Kunsill Lokali?

___

___

2. Semmi tliet (3) xogħlijiet li jrid jaqdi s-Sindku?

a. ___

b. ___

ċ. ___

3. X'jissejħu l-membri tal-Kunsill Lokali li jgħinu lis-Sindku?

___

___

4. Kif jiġu magħżula l-membri tal-Kunsill Lokali?

___

___

5. Agħżel it-tajba:

Il-Kunsilli Lokali jinsabu (l-Belt Valletta, l-Imdina, f'kull belt jew raħal, l-Birgu).

**E. Qabbel bin-numri l-istrument tat-temp mal-isem. Ara l-eżempju.**

(4 marki)

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 |  | | pluvjometru |
| 2 |  | | pinnur |
| 3 |   | | anemometru |
| 4 |  | *1* | boxxla |
| 5 |  | | termometru |

**F. Imla l-vojt bl-isem tal-istrumenti msemmijin hawn fuq.**

(4 marki)

***Eż:** __Il-boxxla__ turina d-direzzjoni u tħares dejjem lejn it-Tramuntana.*

1. ________________________ jkejjel il-qawwa tar-riħ.
2. ________________________ juri d-direzzjoni tar-riħ.
3. ________________________ juri kemm niżlet xita.
4. ________________________ juri kemm hi sħana jew kesħa.

**Ġ. Ħares lejn din il-warda tar-rjieħ u imla fejn meħtieġ:**

(8 marki)




**G. In-Normanni. Ikteb VERU jew FALZ. Ara l-eżempju.** (6 marki)

| | |
|---|---|
| ***Eż: Ir-reliġjon tal-Għarab kienet ir-reliġjon Musulmana.*** | ***Veru*** |
| 1. Meta n-Normanni ġew Malta, Malta u Għawdex kienu maħkuma mit-Taljani. | |
| 2. Il-Kap ta' Malta fi żmien l-Għarab li kien imexxi s-suldati Musulmani kien jissejjaħ Qadi. | |
| 3. Il-Konti Ruġġieru ġie Malta minn Spanja. | |
| 4. L-Għarab kienu se jirreżistu iżda malajr ċedew, għax raw li n-Normanni kienu ġellieda tajbin. | |
| 5. Missirijietna u l-Għarab ftehmu mal-Konti Ruġġieru biex kull sena jmorru Sqallija u jħallsu l-ħaraġ. | |
| 6. B'din ir-rebħa tan-Normanni f'Malta, ir-reliġjon Nisranija bdiet trabbi għeruq sodi ġewwa Malta. | |



**Għ. Daħħal dan il-kliem fil-vojt. Segwi ċ-ċiklu tal-ilma skont in-numri. Ibda min-numru wieħed (1).**

(8 marki)

| | | | |
|---|---|---|---|
| baħar | għelieqi | jitqal | issaħħan |
| sħab | jitla' | jevapora | m'arja |



**H. Agħmel ċirku ma' dawk il-kwalitajiet sbieħ li tixtieq li jkollhom il-ħbieb tiegħek.** (6 marki)



| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Ma jindaħlux fl-affarijiet personali | Jgħidu dejjem il-verita' | Jirrispettaw lill-ġenituri tagħhom | Jitkellmu pastaż barra t-triq | Ħwejjiġhom dejjem maħmuġin |
| Ikunu ġenerużi | Jgħidu kontra n-nies | Sinċieri | Jgħidu kelma b'oħra | Ikunu onesti |

**Ħ. Liema hu l-mezz ta' komunikazzjoni?**
**Imla billi tuża l-kliem t'hawn taħt.** (10 marki)



**radju**



**internet**



**ittra**



**televixin**



**telefown**

| | |
|---|---|
| 1. B'dan il-mezz ta' komunikazzjoni tista' **tara** u **tisma'** aħbarijiet, mużika, informazzjoni u programmi ta' kull tip. | |
| 2. Permezz ta' dan tista' tikkomunika bil-**kliem** ma' nies 'il bogħod u **tieħu risposta dak il-ħin stess**. | |
| 3. B'din tista' tikkomunika bil-**kitba** ma' nies 'il bogħod biex twassal aħbarijiet u informazzjoni. | |
| 4. Fuq dan tista' **tisma'** aħbarijiet, diski, informazzjoni u programmi li jolqtu gosti differenti. | |
| 5. Permezz ta' dan tista' **tkellem** jew **tibgħat** informazzjoni, ritratti, films, diski, logħob u elf ħaġa oħra lil min trid fid-dinja u fi żmien qasir. | |

**I: Ikteb fil-vojt x'għandi nagħmel f'dawn is-sitwazzjonijiet. Tirrepetix l-istess tweġiba.** (10 marki)



1. Inkun bilqiegħda f'karozza tal-linja mimlija bin-nies. Jitla' raġel xiħ li ma jsibx fejn ipoġġi. X'nagħmel?

______________________________________________________________

______________________________________________________________

2. Ninduna li mara għamja trid taqsam it-triq. Kif inġib ruħi?

______________________________________________________________

______________________________________________________________

3. Ommi ma tiflaħx. Missieri fadallu biex jiġi mix-xogħol. Oħti ż-żgħira għandha l-ġuħ. X'nagħmel?

______________________________________________________________

______________________________________________________________

4. Insib logħba fil-bitħa tal-iskola u ma nkunx naf ta' min hi. X'nagħmel biha?

______________________________________________________________

______________________________________________________________

5. Naf tifla fil-klassi li hi mwarrba mill-oħrajn u ħadd ma jilgħab magħha. X'nista' nagħmel jien?

______________________________________________________________

______________________________________________________________

**J. Ikteb 5 sentenzi fuq WIEĦED minn dawn.** (10 marki)

1. **Ikteb dak li taf dwar it-tibdil li tara madwarek mill-ħarifa għax-xitwa.**

   (Dan il-kliem jista' jgħinek: kif tinbidel il-kampanja, it-temp, l-iskola, il-ġurnata tiegħek u l-ilbies tiegħek).





2. **Ikteb dwar id-drawwiet li huma marbuta mal-Milied f'Malta.**

   (Ikteb dwar tiżjin, ikel tradizzjonali, il-knisja, it-toroq, il-ħwienet, rigali ...)





3. **Il-Poeta Nazzjonali Malti.**

   (Ikteb min kien, fejn kien joqgħod u fejn hu midfun, x'kien jagħmel, għaliex baqa' mfakkar u għaliex jissejjaħ patrijott Malti.)

TMIEM IL-KARTA